MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 280/2001/1

**Carmela Cherubina Mercieca**

**v.**

**Jean u Daniela konjugi Galea Souchet**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li tghid hekk:
“Peress illi l-attrici hija proprjetarja tal-fond 13 Triq il-Veduta, Madliena mibni fuq plots, 12, 13, 14 mill-artijiet Ta’ Hanka jew Ta’ Kajjarun u Ta’ Giljun fil-kuntrada tal-Madliena u Tal-Giben, limiti tal-Gharghur u dan skond

kuntratt tat-30 ta’ Mejju 1989 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat dokument A.

“Peress illi l-konvenuti qed jikkostruwixxu fuq plot adjacenti ghall-proprjeta` ta’ l-attrici fi Triq il-Veduta kantuniera ma’ Triq il-Markiz J. Scicluna, Madliena, villa u qed tithaffer giebja fl-istess villa mal-hajt divizorju li jiddividi l-proprjetajiet tal-kontendenti.

“Peress illi din il-giebja li qed tithaffer mill-konvenuti mhux qed tinbena zewg piedi u nofs boghod mill-hajt divizorju u b’hekk mhux qed jinzammu d-distanzi regolamentari u imposti mil-ligi.

“Peress illi l-Perit Hector Zammit imqabbad mill-attrici diga` kkonstata illi l-giebja li qed tithaffer fil-proprjeta` adjacenti ghal taghha mhux qed jinzamm id-distanzi ta’ zewg piedi u nofs mill-hajt divizorju liema kopja tar-rapport datat 21 ta’ Gunju 2000 qed jigi hawn anness u mmarkat dokument B.

“Peress illi dan ix-xoghol ta’ skavar tal-giebja fuq imsemmija mal-hajt divizorju bejn il-proprjeta` tal-kontendenti qed jitkompla u jikkawza hsarat lill-attrici konsistenti f’umdita` bi hsara konsegwenzjali fil-gebla, ingenji u ghamajjar proprjeta` ta’ l-attrici.

“Peress illi l-attrici talbet il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni numru 368/01 fl-ismijiet “Carmela Cherubina Mercieca vs Jean Galea Souchet et” degretat finalment fis-16 ta’ Frar 2001 fejn it-talba attrici giet milqugha u ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu inibiti permanentement milli jkomplu b’tali kostruzzjoni u/jew tkomplija u/jew skavar tal-giebja msemmija.

“Jghidu l-konvenuti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-kostruzzjoni u/jew tkomplija ta’ giebja li qed tinbena fuq plot fi Triq il-Veduta

kantuniera ma’ Triq il-Markiz J. Scicluna, Madliena proprjeta` tal-konvenuti qed tithaffer inqas minn zewg piedi u nofs mill-hajt divizorju bejn il-proprjeta` ta’ l-attrici u dik tal-konvenuti.

2. tikkundanna lill-konvenuti biex jirripristinaw il-fond fl-istat li fih kien qabel ma sar dan it-thaffir ta’ din il-giebja biex b’hekk jinzammu d-distanzi regolamentari imposti mil-ligi u dan fi zmien qasir u perentorju.

3. fin-nuqqas tawtorizza lill-attrici biex taghmel dawk ix-xogholijiet rimedjali jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi biex il-fond ossija l-giebja li qed tigi kostruwita fil-fond tal-konvenuti tinbena a tenur tal-ligi u zewg piedi u nofs il-boghod mill-hajt divizorju.

4. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti huma responsabbli ghall-hsarat kollha li saru fil-fond taghha konsegwenza tat-thaffir li sar fil-hajt divizorju inqas minn zewg piedi u nofs mill-imsemmi hajt.

5. tillikwida d-danni sofferti mill-attrici b’konsegwenza tat-thaffir li sar fil-hajt divizorju bejn il-proprjeta` tal-kontendenti.

6. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dawk il-hsarat sofferti mill-attrici b’konsegwenza tat-thaffir li sar fil-hajt divizorju bejn il-proprjeta` tal-kontendenti.

7. tinibixxi permanentement lill-konvenuti milli jiskavaw, jikkostruwixxu u/jew ikomplu jibnu giebja li qed tinbena fuq plot fi Triq il-Veduta kantuniera ma’ Triq il-Markiz J. Scicluna, Madliena proprjeta` tal-konvenuti, liema proprjeta` ossija giebja qed tithaffer inqas mid-distanzi regolamentari ta’ zewg piedi u nofs mill-hajt divizorju u dan a tenur tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 368/01 fl-ismijiet “Carmela Cherubina Mercieca vs Jean Galea Souchet et”.

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni 368/01 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

“1. l-esponenti jichdu, bl-aktar mod kategoriku kull allegazzjoni illi huma haffru ossija skavaw xi giebja fil-proprjeta` taghhom f’distanza inqas minn zewg piedi u nofs mill-hajt divizorju illi jifred il-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti. Ghaldaqstant, u minkejja dak li ser jinghad fil-paragrafu li jmiss f’din in-nota, l-esponenti m’ghandhomx jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez ta’ din l-istanza, oltre li minn issa jirrizervaw kull dritt spettanti lilhom skond il-ligi fil-konfront ta’ l-attrici ghall-agir doluz taghha sew f’din l-istanza u sew fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 368/01 fl-istess ismijiet fuq premessi;

“2. minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jiddikjaraw illi huma minn issa disposti illi jikkostruwixxu hajt tul l-gholi kollu tal-giebja, u b’mod illi l-istess giebja tigi interament mqieghdha f’distanza ta’ zewg piedi u nofs mill-hajt divizorju. Ghal dan il-fini, l-esponenti umilment jitolbu illi ghandhom jigu revokati l-effetti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 368/01 fl-istess ismijiet fuq premessi (Dokument JGS), liema mandat qieghed effettivament jimpedixxi milli jsir dan ix-xoghol – u f’liema kaz jigi ezawrit il-meritu ta’ l-ewwel tlett talbiet u tas-seba’ talba attrici;

“3. minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti umilment jeccepixxu illi r-raba’ sas-sitt talba attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante illi ma huwiex minnhu illi l-esponenti kkawzaw xi hsarat fil-proprjeta` ta’ l-attrici, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-proceduri odjerni.

“4. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ April, 2005, li in forza taghha iddecidiet il-kawza fis-sens illi cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghha;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-vertenza li fuqha timpernja l-kawza odjerna tikkoncerna bini ta' giebja fil-fond appartenenti lill-konvenuti, adjacenti mal-fond ta' l-attrici sitwat fi Triq il-Veduta Madliena. Il-pretensjoni attrici tikkonsisti fl-allegat fatt li fil-kostruzzjoni ta' din il-giebja sar xoghol ta' "thaffir" vicin il-hajt divizorju f'distanza inferjuri ghal dik preskritta mill-ligi ta' sitta u sebghin centimetru; u inoltre, li "dan ix-xoghol ta' skavar tal-giebja" kkaguna hsarat lill-attrici "konsistenti f'umidita' bi hsara konsegwenzjali fil-gebla, ingenji u ghamajjar proprjeta` ta' l-attur." In segwitu, l-attrici talbet u ottjeniet mandat ta' inibizzjoni [368/01] relattivament ghax-xogholijiet in kwistjoni.

"Illi l-konvenuti min-naha taghhom jichdu dawn l-allegazzjonijiet, senjatament li sar xoghol ta' skavar f'distanza ta' inqas minn dik preskritta mil-ligi, u li kkagunaw hsarat konsegwenzjali fil-fond ta' l-attrici.
Illi fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku kkonstata u kkonkluda:

"[1] Illi fl-ebda parti mix-xhieda ta' l-attrici jew tal-bennej inkarigat minnha ma rrizulta li sar xi thaffir taht il-giebja. Fil-fatt il-giebja ma thaffritx fil-blat, izda nbniet l-fuq mill-art. Ghalhekk ma jistax jinghad li sar xoghol ta' thaffir jew skavar da parti tal-konvenuti vicin il-hajt divizorju.

"[2] Illi peress li l-hajt ta' l-appogg mibni mill-attrici kien mibni fuq is-sod u baqa' niezel aktar 'l isfel mil-livell tal-qiegh tal-giebja, hu difficli li wiehed isostni validament it-tezi li x-xoghol li sar mill-konvenuti ghamel hsara lill-pedament tal-hajt ta' l-attrici. Il-perit tekniku osserva wkoll li l-hajt ta' l-appogg min-naha tal-konvenuti gie miksi b'membrane u li bejn il-hajt u l-giebja, mibnija bil-bricks tal-concrete, thalla spazju ta' sitt pulzieri. It-toqob ta' dawn il-bricks gew mimlija bil-konkos, u fl-ispazju ta' bejn il-hajt ta' l-appogg u l-giebja tpoggiet xibka tal-hadid bil-hsieb li tintela' bil-konkos.[1] B'hekk is-side thrust ta' l-ilma jiehdu l-hajt tal-bricks u r-reinforced concrete.

[1] Fol.66 - 70

"[3] Izda josserva li waqt li kienu qed isiru x-xoghlijiet u konsegwenzjali ghall-istess "saret xi hsara ta' natura hafifa" fil-fond ta' l-attrici, konsistenti din il-hsara [1] "f'hair cracks fil-hajt ta' l-appogg" li, kif spjega l-perit tekniku fix-xhieda tieghu, jinsabu fit-tajn bejn gebla u ohra[2]; [2] kif ukoll htiega ta' tiswija fil-bir li jitlef l-ilma.[3]

"Illi l-perit tekniku rrileva li waqt l-access tal-14 ta' Lulju 2003, irrizulta li l-konvenuti nehhew il-giebja mertu tal-kawza odjerna. Inoltre, l-attrici ddikjarat li qed tillimita l-pretensjoni taghha tad-danni ghas-somma ta' Lm80 spejjez ghat-tiswija tal-bir.[4]

"Illi ma saritx talba ghall-hatra ta' periti perizjuri.

"**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"*In tema legali jigi osservat:*

"[1] Illi l-kawza odjerna hija bazata fuq id-dispost ta' l-Artikoli 439 u 440 tal-Kap.16. Illi l-Artikolu 439 jipprojbixxi t-thaffir [it-test ingliz juza l-kliem *"dig"* u *"excavation"* f'distanza ta' anqas minn sitta u sebghin centimetru mill-hajt divizorju; filwaqt li l-Artikolu 440 [1] jippostula l-principju li, anke jekk tkun inzammet id-distanza legali, "kull min jaghmel xi thaffir iwiegeb ghall-hsarat li b'dak it-thaffir isiru fil-bini tal-gar…". Illi fil-gurisprudenza interpretattiva gie ritenut rigward dawn iz-zewg artikolu li, filwaqt li l-fattur tad-danni huwa element essenzjali ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 440; mhux l-istess jinghad ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 439 li ma tirrikjedix dan l-element. Izda z-zewg dispozizzjonijiet ghandhom bhala element komuni l-fattur tat-thaffir.

"[2] Illi l-*onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, u ghalhekk huwa l-obbligu ta' l-atturi li jressqu provi sodisfacenti, albeit sal-grad ta' probabilita', in sostenn tat-tezi taghhom, b'mod li d-dubju ghandu jiffavorixxi lill-konvenuti. Ghax huwa principju gurisprudenzjali sod li

[2] Dep.Perit Tekniku – 4.02.2005 – fol.227
[3] Fol.69
[4] Fol.70 – Jigi osservat li fl-udjenza tat-30 ta' Marzu 2005 il-konvenut, minghajr pregudizzju ghat-tezi tieghu u ex gratia, impenja ruhu li fi zmien gimghatejn ihallas lill-attrici din is-somma ta' Lm80

f’kaz ta’ zewg verzjonijiet konfliggenti dan ghandu jiffavorixxi lill-konvenut; in kwantu kien dejjem l-obbligu ta’ l-attur li jipprova l-allegazzjoni tieghu *[App. Inf. Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited – 13.01.1999].*

“[3] Illi f’materja ta’ prova peritali, l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-Qorti m’hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzzjoni taghha, il-*giudizio dell’arte* kif espress mill-perit tekniku m’ghandux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu tac-cirkostanzi rragjonevoli. Il-Qorti m’ghandhiex tiskarta l-konkluzjonijiet ta’ l-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b’mod legger jew kappriccuz. Il-konvizjoni kuntrarja taghha ghandha tkun “informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika” *[App.C.Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat [1967] Vol.LI.I.390; u App.C. Philip Grima vs Carmelo Mamo – 29 Mejju 1998].*

“Gie ritenut ukoll li, minkejja l-emendi li saru fl-AttXXIV 1995, fejn ikun hemm konflitt fil-provi mressqa permezz ta’ rapport ta’ espert ex parte ma prova ohra ta’ espert mqabbad mill-Qorti, il-Qorti thoss illi, jekk ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji biex iwassluha taghmel mod iehor, hija ghandha taddotta l-prova ta’ l-espert taghha*. [App. S. Joseph Attard vs Carmelo D’ Amato – 22.10.2002]*

“Fil-kaz in dizamina, il-Qorti hija tal-fehma li ma jistax jinghad li l-konkluzjoni ta’ l-espert tekniku, f’dan ir-rigward, hija zbaljata, jew li jezistu ragunijiet validi u serji li ghandhom iwassluha sabiex tiskarta l-konkluzjonijiet peritali. L-espert kien gie nominat mill-Qorti appozitament sabiex jghati l-opinjoni esperta tieghu f’dan il-kaz, u dan acceda fuq il-post u ghamel il-kostatazzjonijet tieghu ta’ espert u wasal ghall-konkluzjoniijiet tieghu ta’ espert fuq materja purament ta’ natura teknika, u anke gie eskuss mill-attrici. Konsidrat dan kollu l-fehma ta’ din il-Qorti hija li ghandha taddotta fl-intier tieghu r-rapport tal-perit tekniku.

"Illi fil-meritu jigi osservat li, ghalkemm jirrizulta li kien sar xoghol ta' *"trimming"* ta' blat "ghall-massimu ta' pied"[5] tul ta' filata jew tnejn vicin il-hajt divizorju, kif ukoll xoghol ta' "tindif", ma rrizultax li sar xoghol tat-thaffir fit-termini ta' l-artikoli tal-ligi fuq citati, ghax biex tiskatta l-applikazzjoni taghhom jehtieg li fl-ewwel lok jigi provat b'mod sodisfacenti li fil-fatt sar xoghol ta' thaffir, u xjen inqas minn dan. Il-Qorti tosserva li dan il-fattur ma giex provat, anzi jinsab kontradett mill-konkluzjonijiet peritali. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi jonqos is-substratum legali ghall-applikazzjoni ta' l-istess.

"Dan premess u ikkunsidrat it-talbiet attrici, inkluzi t-talbiet numri erbgha, hamsa, sitta u sebgha [kif dedotti], ma jistghux jirnexxu stante li l-bazi taghhom huwa t-<u>thaffir</u>[6] u l-iskavar vicin il-hajt divozorju; u din il-Qorti ma thossx li x-xoghol ta' *"trimming"*, jidhol fit-terminu "thaffir" uzat mil-ligi. Ghaldaqstant talbiet <u>bazati fuq dan l-allegat fatt</u> ma jistghux jirnexxu, ghalkemm xorta wahda jibqa' ferm l-obbligu kontemplat fl-Artikolu 1031 da parti ta' min ikun responsabbli ghall-esekuzzjoni tax-xoghlijiet.

"In fine jigi rilevat li kif osserva l-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu "waqt l-access tal-14 ta' Lulju 2003 … irrizulta illi l-konvnenut waqqa' u nehha l-bir/giebja meritu ta' din il-kawza tant li issa l-ilment ta' l-attrici spicca."[7]

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talbiet taghha bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat ir-risposta tal-konvenuti appellati li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu c-cahda ta' l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

---

[5] Relazzjoni – fol.66

[6] Il-kelma *'thaffir'* tfisser "to be <u>dug</u>" [Dizzjunarju – Vol.11 - Prof.Guze Aquilina]; u t-terminu "dig" jfisser "excavate or turn up ground" [make hole], u t-terminu *"excavate"* jfisser "**make hollow, make [hole, channel] by digging"** The Concise Oxford Dictionary

[7] Fol.70

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza intiza ghall-interpretazzjoni u applikazzjoni ta’ l-Artikolu 439 tal-Kodici Civili li jipprojbixxi t-thaffir f’distanza ta’ anqas minn sitta u sebghin centimetru (jew zewg piedi u nofs) mill-hajt divizorju. Il-partijiet huma proprjetarji ta’ plots addjacenti ghal xulxin gewwa l-Madliena, u l-konvenuti riedu jibnu giebja fil-gnien fil-parti fejn dan il-gnien imiss mal-hajt divizorju tal-proprjeta` ta’ l-attrici. Din il-giebja ma kienetx qed tinbena fid-distanza li trid il-ligi u peress li l-attrici allegat li sar xi thaffir biex setghet inbniet il-giebja, u li b’rizultat tax-xoghol relattiv in konnessjoni mal-bini tal-giebja hi sofriet hsara fil-proprjeta` taghha, hi resqet din il-procedura fejn qed titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jressqu l-giebja ghad-distanza legali u jaghmlu tajjeb ghad-danni li garrbet.

Il-konvenuti eccepew li huma m’ghamlu ebda thaffir jew skavar ghall-fini tal-kostruzzjoni tal-giebja, u l-ewwel Qorti qablet maghhom, wara li kkunsidrat li mir-relazzjoni teknika irrizulta li ghalkemm seta’ sar xoghol ta’ “*trimming*” ta’ blat ghall-massimu ta’ pied, kif ukoll xoghol ta’ “tindif”, ma rrizultax li sar xoghol ta’ “thaffir” fit-terminu ta’ l-artikolu tal-ligi invokat.

L-attrici appellat bl-agravju jkun li fil-fatt sar “thaffir” fis-sens tal-ligi u li, f’kull kaz, la darba irrizulta li l-hsara li hi sofriet fil-proprjeta` taghha kienet rizultat ta’ xoghlijiet li wettqu l-konvenuti, hi ghandha tigi kkumpensata ghal dik il-hsara.

Jigi rilevat fl-ewwel lok, li fil-mori ta’ dawn il-proceduri, il-konvenuti biddlu l-istruttura tal-giebja, b’mod li issa l-ilment ta’ l-attrici spicca u m’hemmx aktar x’jigi mcaqlaq.

Jibqa’ pero`, x’jigi determinat jekk, bhala fatt, sarx jew le thaffir f’distanza ta’ anqas minn dik stabbilita fil-ligi, u jekk, f’kull kaz, l-attrici hijiex intitolata ghall-kumpens ghall-hsara li sofriet fil-proprjeta` taghha.

Din il-Qorti, wara li kkunsidrat dak li tipprovdi l-ligi, ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni strettissima li l-ewwel Qorti tat lill-kelma "thaffir". Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Mangion v. Borg**", deciza fit-3 ta' Frar, 1983, l-artikolu in kwistjoni jistabilixxi f'termini generali a rigward ta' kull speci ta' fond id-distanza li ghandha tigi osservata fi kwalunkwe thaffir "ikun x'ikun l-oggett tat-thaffir".

Fil-kawza "**Grixti v. Schembri**", deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Gunju, 1959, il-Qorti applikat ir-regola ta' l-Artikolu 476 (illum Artikolu 439) tal-Kodici Civili ghal min hammel il-hamrija ta' ma' l-appogg. Fil-fatt, din il-Qorti, f'dik il-kawza, elenkat il-fatti li waslu ghall-kawza b'dan il-mod:
"Illi mill-kumpless tal-provi rrizulta li l-konvenut fetah barriera f'art limitrofa ghall-ghalqa ta' l-atturi, li kienet separata minn dik l-art b'hajt divizorju. L-art tal-konvenut kienet wied bil-blat u kienet xi hames piedi aktar fil-baxx mill-ghalqa ta' l-atturi, li kienet koltivata. Izda fuq l-art tal-konvenut matul il-hajt kien hemm hamrija u gebel, li flimkien kienu jservu ta' moghdija xi zewg piedi u nofs aktar baxxa mill-ghalqa ta' l-atturi. Il-konvenut hammel dik il-hamrija..... u b'hekk kixef il-blat b'mod li l-pedament tal-hajt tas-sejjiegh ta' l-ghalqa ma fadallux l-appogg tal-materjal tal-moghdija, u l-pedamenti gew mikxufin... Gara li ftit taz-zmien wara, xi selhiet tal-hajt iggarrfu, u wara maltempata waqghet selha ohra."

B'applikazzjoni ta' l-artikolu in kwistjoni, din il-Qorti sabet lill-konvenut responsabbli ghall-konsegwenzi dannuzi sofferti mill-gar.

F'dan il-kaz, meritu tal-kawza odjerna, ma sarx biss thammil, imma nzul taht il-livell ta' l-art f'area partikolari biex tinbena giebja. Fil-fatt, kif spjega l-perit tekniku, ma sarx biss "trimming" tal-blat, imma wkoll "<u>tqattiegh ta' blat ghal massimu ta' pied</u>".

Ghalkemm il-konkluzjoni tal-perit tekniku kienet li l-giebja nbiet 'l fuq mill-art, u mhux thaffret fil-blat, il-fatt <u>li sar xi</u>

tqattiegh ta’ blat ghal massimu ta’ pied f’distanza mill-hajt divizorju ta’ anqas milli trid il-ligi, kellu jwassal ghall-konkluzjoni li l-provvediment ta’ l-Artikolu 439 gie vjolat. Inoltre, meta l-perit tekniku gie mitlub jirrelata ulterjorment fuq il-*cracks* li sabet l-attrici fil-proprjeta` taghha, qal li dawn il-*cracks* ma jipprezentaw ebda periklu “u huma xi haga li wiehed jistenna meta jkun qed isir thaffir u bini f’distanza hekk vicina”.

Darba li dan irrizulta, u b’konsegwenza ta’ dan ix-xoghol, l-attrici sofriet hsarat zghar fir-reservoir tal-pool taghha li kienet vicin il-hajt, il-konvenuti jridu jaghmlu tajjeb ghal din il-hsara.  Ghal din il-hsara, il-perit tekniku accetta l-istima ta’ l-attrici f’ammont ta’ Lm80.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attrici billi tilqa’ l-istess, thassar u tirrevoka s-setenza appellata, u tghaddi biex tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta, tilqa’ wkoll ir-raba’, il-hames u s-sitt talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici s-somma ta’ tmenin liri Maltin (Lm80) in linea ta’ danni bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv; peress li l-giebja, fil-mori tal-kawza, giet spustata, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, it-tielet u s-seba’ talba attrici.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk ta’ prim istanza, ghandhom jithallsu mill-konvenuti *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------